TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

CCT/107/13/S

Robert u Joanne konjugi Inglott u Ivan u Jeanelle konjugi Salamone

Vs

Charles Abela

Illum 25 ta'Lulju,2013.

It-Tribunal,

Ra t-talba tar-rikorrenti konjugi Inglott u tal-konjugi Salamone pprezentata fis-17 ta'Mejju,2013 filwaqt li l-intimat Charles Abela ghalkemm debitament notifikat baqa' ma rrispondiex u lanqas ma deher ghas-smiegh tal-kaz;

Ra d-dokumenti pprezentati, sema' lir-rikorrenti Robert Inglott u lil Ivan Salamone u t-trattazzjoni taghhom maghmula fis-seduta tal-25 ta'Gunju,2013;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda depozitu li thallas mir-rikorrenti konjugi Inglott u l-konjugi Salamone lill-intimat Charles Abela biex jistalla 'sensors' fil-'lift' fil-proprjeta taghhom;

Illi fis-seduta tal-25 ta'Gunju,2013 dehru biss ir-rikorrenti konjugi Inglott u l-konjugi Salamone filwaqt li ghalkemm debitament notifikat, l-intimat Charles Abela ma deherx;

Illi ghalhekk it-talba tar-rikorrenti ma gietx kuntradetta bl-ebda mod mill-intimat ghalkemm kellu kull cans jaghmel dan;

Illi s-somma ta' €350 thallset mir-rikorrenti fi kwoti indaqs bejniethom bhala akkont tal-prezz u tal-istallar tas-'sensors' tal-'lift';

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati, wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta u fic-cirkostanzi tal-kaz, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jilqa' t-talba ta' Robert u Joanne konjugi Inglott u ta' Ivan u Jeanelle konjugi Salamone u konsegwentement, Jordna lill-intimat Charles Abela jhallas lura lill-konjugi Inglott u lill-konjugi Salamone fuq imsemmija s-somma ta' tlitt mija u hamsin ewros (€350) flimkien mal-interessi mill-14 ta'Marzu,2012 sad-data tal-hlas effettiv u bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri jigu sopportati unikament mill-intimat Charles Abela.

Richard Sladden Av.
Arbitru